MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 558/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Francis Sant**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti konta Francis Sant bin Xmun u Francesca nee Sant imwieled il-Mosta fis-29 ta' Frar 1958 u joqgħod Salcado Bidnija l/o San Pawl il-Baħar u li għandu n-numru tal-karta tal-identita' 219358(M).

2. Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer u cioe' ġewwa l-Bidnija f'dawn l-aħħar xhur bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu fixkel lil John Camilleri u membri tal-familja tiegħu fil-pussess ta' ħwejjiġhom billi ddistruġġa mogħdija li fuqha l-kwerelant ingħata drittijiet ta' passaġġ permezz ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri LLD tas-7 ta' Marzu 2003 u tat-13 ta' Ġunju 2003 kif ukoll li ħoloq ostakolu fi sqaq ieħor li minnu l-kwerelant kien jgħaddi għal ġol-propjeta' tiegħu billi qala' la-rt f'parti minnu u b'hekk għamilha impossibbli għal John Camilleri li jidħol minnu bil-vettura tiegħu kif għandu dritt li jagħmel (85(1).

3. Il-Qorti ntalbet biex f'każ ta' ħtija tordna t-tneħħija ta' dan id-diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan, skont kif jidhrilha li hu meħtieġ il-Qorti.

4. Il-Qorti ntalbet ukoll li jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' John Camilleri jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħtai b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tkun iffissata mill-Qorti.

5. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-22 ta' Novembru 2012 li fiha l-Qorti, wara li rat ir-rapport tal-espert tekniku minnha nominat kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-parti ċivili u mid-difiża sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu jħallas ħames mitt Ewro. (fol 226 u 227 tal-proċess).

6. Rat ir-rikors tal-appell intavolat fit-30 ta' Novembru 2012 li fih l-appellant talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi u minflok tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni.

7. L-aggravju tal-esponent fil-qosor huwa dan li ġej.

8. L-akkużi la ġew ippruvati fil-fatt u lanqas huma fondati fil-liġi. Illi minn imkien ma jirriżulta li l-kwerelant 'John Camilleri u l-familja tiegħu' kienu qed igawdu d-drittijiet ta' passaġġ. Il-kwerelant jippretendu li għandhom dritt jaċċedu għall-għalqa mmarkata X fuq Dok GC5 mill-punt 'A' u mill-punt 'B'. Iżda l-appellant qatt ma rrilaxxa l-pussess tal-għelieqi kollha ħlief għall-għalqa Dok X li nbiegħet lis-soċjeta' Dove Trading Company Limited bil-passaġġ minn fuq il-proprjeta' tal-imputat indikat bħala XY. Kienu John Camilleri u l-familja tiegħu li spoljaw lill-istess imputat billi jgħaddu mill-punit A u B li huma fi propjeta' tal-appellant. Ġaladarba John Camilleri qatt ma kellu pussess materjali tal-allegati passaġġi mill-punt A u punt B. Il-punt B qatt ma kien jifforma passaġġ għall-istess għalqa.

9. Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova illi John Camilleri u l-membri tal-familja tiegħu kienu mfixkla fil-pussess ta' ħwejjiġhom. Il-fatt li għandhom il-kuntratti tas-7 ta'Marzu 2003 u tat-13 ta' Ġunju 2003 li jindikaw li huma qed jakkwistaw l-art immarkata X bil-passaġġ mill-punt B ma jagħtihomx il-pussess materjali. Il-kwerelat qatt ma aċċetta li xi ħadd jgħaddi mill-punt B. Hawn kienu jsiru rapporti lill-Pulizija. Il-kwerelat saħansitra għamel kawża kontra Dove Trading Company limited sabiex jiġi dikjarat li din is-soċjeta' akkwistat l-art X bid-dritt ta' passaġġ bir-riġel mill-punt XY. Dan il-punt huwa msaħħaħ bil-kuntratt tas-sena 1992 li sar qabel bdew dan il-polemiki.

10. Il-kwerelat irrilaxxja biss l-għalqa mmarkata X u ma rrilaxxja ebda art oħra li qegħda fl-inħawi ta' madwar.

11. Milli atti nnifishom jirriżulta li John Camilleri u l-familja tiegħu ma jippossedu xejn għax l-akkwist sar minn Dove Trading Company Limited.

12. L-akkużi ma jirriżultawx bħala fatt. Il-kwerelat ma ddistruġġa ebda passaġġ. Il-passaġġ fil-punt B imkien ma jirriżulta mill-atti li kien jeżisti. L-ewwelnett kellu jiġi ppruvat li kien hemm mogħdija fir-rigward tal-punt B. John Camilleri xehed li huwa pprova jgħaddi mill-punt B u li l-esponenti kien qallu biex ma jgħaddix.

13. Lanqas jeżisti t-tieni mod li bih suppost saret il-vjolazzjoni. Din tista' tkun biss referenza għall-punt A. Fix-xhieda tiegħu Giovann Camilleri mkien ma jgħid li l-imputat 'qala' l-art.' Se mai jissusisti biss bħala fatt li l-kwerelat kien għamel katina.

14. Lanqas ma huwa sodisfatt l-element taż-żmien. L-akkuża ħarġet fl-1 t'Ottubru 2008 u tirreferi għall-aħħar xhur. Ix-xhieda jagħtu dati differenti.

15. Il-kwerelat jinsisti li kull darba li John Camilleri ipprova jidħol mill-punt A jew punt B dejjem saru rapporti lill-Pulizija.

16. L-appellant jammetti li huwa kien uża l-punt A diversi drabi biex jaċċedi għall-għalqa X li llum hija ta' Dove Trading Company Limited. Iżda dan ma fissirx li huwa kien ħoloq xi mogħdijiet.

17. Hawn il-kwerelat irrefera għall-każ 'Il-Pulizija versus Rosa Sammut' tat-22 ta' Mejju 2006. Kieku Dove Trading Company Limited sabet xi problema biex tidħol fuq l-art tagħha mill-passaġġ li ngħatat fil-kuntratt kellha tadixxi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-kwerelant qatt ma kellu dritt jaqbad u jidħol vjolentement fuq l-għelieqi posseduti għal għexieren ta' snin mill-appellant. Ir-ragion fattasi ġie pperpetrat minn John Camilleri u l-familja tiegħu.

18. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

19. L-aggravju, maqsum f'għaxar partijiet, huwa ekwivalenti għal aggravju dwar apprezzament ħażin tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati. Issa huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm ma jkunx hemm raġuni soda.

20. Għalhekk il-Qorti fliet sewwa x-xhieda u d-dokumenti li hemm fil-proċess.

21. L-ewwel dokument fil-proċess huwa l-affidavit ta' PS 300 Alfred Abela bid-data 18 ta' Frar 2009. Dan ikkonferma bil-ġurament li l-Għassa tal-Mosta kienet irċeviet ittra minn Dr Lawrence Pullicino[1] li kien qed jikteb għall-klijent tiegħu John Camilleri. Dan tal-aħħar kien akkwista biċċa art permezz ta' żewġ kuntratti datati 7 ta' Marzu 2003 u 23 ta' Ġunju 2003 fejn il-klijent kien qed jgħid li kellu dritt ta' passaġġ bir-riġel għad-dħul minn fuq il-proprjeta' ta' terzi. Barra dan il-klijent qal li huwa kellu dritt ta' passaġġ fuq ix-xellug tal-art tiegħu. Frans Sant kien għamel ħsara fil-passaġġ tar-riġel u ħoloq ostakolu fl-isqaq l-ieħor billi qala' l-art f'parti minnu.

22. Frans Sant kien qal li l-kuntratt kien inkorrett. Is-sur Sant ippreżenta irċevuta min-Nutar Angelo Vella datata 26 ta' Ġunju 1992 fejn fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt m'hemm ebda passaġġ fl-art in kwistjoni.

23. Rigward il-passaġġ fuq ix-xellug ta' John Camilleri is-sur Sant ippreżenta kuntratt tat-18 ta' Marzu 1988 li minnu kien jidher ċar li dan il-passaġġ huwa parti minn art privata li fl-1988 kienet ta' missieru.

---

[1] Ara wkoll fol 6

24. Francis Sant ippreżenta wkoll irċevuta datata 21 ta' Mejju 1992 fejn għal darb'oħra jidher li l-passaġġ imsemmi huwa fuq art privata.

25. L-uffiċjal tal-Pulizija reġa' kellem lill-kwerelant li, dwar il-passaġġ li hemm fuq ix-xellug tal-art tiegħu, ippreżenta pjanta ta' aktar minn tletin sena fejn jidher li ż-żewġ passaġġi in kwistjoni kienu diġa' hemm. Barra minn hekk ippreżenta kopja ta' kuntratt tas-26 t'Awwissu 1902.

26. A fol 27 hemm in-Nota ta' sottomissjonijiet ta' Giovanni Camilleri. Fil-qosor dawn is-sottomissjonijiet jgħidu hekk.

27. Illi Giovanni Camilleri kien akkwista għalqa għan-nom tal-kumpanija Dove Trading Compnay Limited permezz ta' żewġ kuntratti. L-att tat-13 ta' Ġunju 2003 kien korrett b'att tad-9 ta' Settembru 2011 fejn il-kontraenti ddikjaraw li l-għalqa trasferita tgawdi dritt ta' passaġġ; u dan mingħajr ebda kwalifika. Dan kien ikkonfermat min-Nutar Tonio Spiteri fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2010. Giovanni Camilleri eżerċita d-dritt lijaċċedi għall-għalqa mill-punti A u B.

28. Il-linji interrotti jistabilixxu sqaq min bejn il-bungalows. It-terzi jużaw l-isqaq, kif qal l-imputat stess. Dan l-isqaq ma ffurmax bil-bini tal-bungalows. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2010 l-imputat qalli qatt ma jiftakar li kien hemm passġġ minn punt B f'dak GC5. Il-mogħdija minn punt B inħadmet mill-imputat minħabba l-esiġenzi tiegħu. Dak li l-imputat qed jagħmel illum quddiem il-Prim'Awla messu għamlu mal-ewwel. Frans Sant għamel katina f'punt A, tella' ħajt baxx f'punt B u poġġa ġebel f'punt D.

29. Mill-aċċess miżmum mill-perit ekeniku jista' jiġi konstatat li fejn il-passaġġ indikat bħala XY jiġi sabiex jagħqad mal-għalqa tas-sur Camilleri wieħed kien isib ħafna ġebal mitfugħ fuq xulxin. Dawn tneħħħew matul il-proċeduri.

30. Il-parte civile għamlet referenza għas-sentenza fl-ismjiet 'Il-Pulizija kontra Anthony Micallef' tat-30 ta' Lulu 2004.

31. A fol 34 hemm in-Nota ta' sottomissjonijiet ta' Francis Sant.- dawn huma fil-fatt similissimi għar-rikors tal-appell intavolat mill-appellant. Għalhekk il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi għas-sommarju li jidher aktar 'il fuq.

32. Dawn in-noti jidhru wkoll fir-relazzjoni tal-Perit tekniku – fol 101 et.

33. Il-Qorti eżaminat ir-rapport tekniku ppreżentat mill-Perit Arkitett maħtur mill-Qorti u semgħet ix-xhieda tiegħu bil-ġurament fid-29 ta' Novembru 2013. Huwa kkonferma li għamel ir-rapport u li kienu saru diversi seduti. Huwa kien informa lill-Qorti dwar xi passaġġi li kien hemm bħala aċċess għal ħabel ta'art. Huwa indika li l-konklużjonijiet jinsabu a fol 57 et.

34. Fil-kontro-eżami l-perit qal li huwa kien ikkonkluda li mill-provi ma kienx ġie ippruvat li tħassru xi passaġġi. Lanqas ma kien qal li nqalgħet xi art.

35 Għal mistqosija tal-Qorti (fol 245) il-perit wieġeb hekk:

'Li dwar l-akkuża li ma ħalliex lil terzi jgħaddu għall-proprjeta' taħghom deher ċar li l-imputat kien aġitat. Dak li stajt nikkonstata jien waqt dak il-mument. Jidhirli li l-każ jekk kellux aċċess minn mogħdijiet oħrajn jew le kien wieħed ta' natura ċivili. Dak ma kienx għalija li nirrelatah.'

36. Għal mistoqsija mill-Prosekuzzjoni huwa qal li l-parte civile ma għandux access għall-għalqa tiegħu, Dan ikkonstatat mill-kuntratti u mill-pjanti li ġew mehmuża nal-kuntratti. Ma kienx hemm indikat aċċess car għal għalqa li xtara l-parte civile.

37.Fil-kontro-eżami huwa qal li l-imputat kien dejjem sostna l-passaġġ immarkat XY kien il-passaġġ ta' din l-għalqa.

38. Il-Qorti eżaminat ukoll ix-xhieda li ngħatat quddiem il-Perit maħtur mill-Qorti.

39. Xehed Giovann Camilleri (fol 67) li qal li fid-dokument GC1 jissemma passaġġ bir-riġel. Id-dokument GC2 kellu jkun irranġat f'dan is-sens. Huwa qal li l-imputat kein jarah dieħel bil-karozza u ma kien jgħidlu xejn iżda mets sfratta n-negozju beda joġġezzjona. Ma ħallieh jgħaddi minn imkien la

mill-punt A (Dok GC 5), u lanqas mill-punt B. Huwa offrielu tleit piedi minn punt C fuq Dok GC 5. Skont ix-xhud Punt A kien sqaq u ma seta' jagħlqu ħadd. Kien waqfu madwar disa' xhur qabel ma kien qed jixhed. (Dan ix-xhud xehed fit-18 ta' Jannar 2010 waqt li disa' xhur qabel jiġi April, 2009). Huwa kien waqqfu meta qallu 'Aqbad u oħroġ 'il barra.' L-imputat kien tefa' kantun fl-arja D fuq dok.GC 5.

40. Melanie Zerafa, li xehdet fil-25 ta' Jannar 2010, qalet li f'Mejju 2007 hi u r-raġel tagħha marru jieħdu xi ritratti u daħlu mill-passaġġ immarkat A. Kienu fl-arja D meta marret mara u qaltilhom li mhux suppost daħlu hemm. Qabdet landrover u sakkritha. L-imputat beda jgħajjat u ġew lill-Pulizija li ordna lill-mara biex tneħħi l-karozza. Dan ġara darba biss.

41. Carlos Zerafa qal li l-perjodu tal-inċident ma jiftakrux. Kien mal-mara u għaddew minn punt A u waqfu x'imkien fil-pont D. Huwa ra lill-imputat jgħajjat ma' wiċċ it-tifla. Qalilhom li hemm mhux prorpjeta' tagħhom. Marru ġabu land rover u sakkruhom.

42. Xehed in-Nutar Tonio Spiteri fil-5 ta' Marzu, 2011. Dwar il-kuntratt GC2 fil-klawsola ħamsa intqal li l-għalqa tgawdi d-dritt ta' passaġġ bir-riġel għad-dħul minn fuq propjeta' ta' terzi kif kien indikat bl-isfar. Is-sur Camilleri kien ġibidlu l-attenzjoni li skont kuntratt tas-sena 1902 kein hemm indikat li l-propjeta' deskritta għandha dritt ta' passaġġ fuq il-propjeta' ta' Simone Said bla ma kien speċifikat kif inu tali passaġġ. Kien hemm l-istess klawsola fil-kuntratt DC1. In-Nutar qal li d-dritt ta' passagg jirriżulta mill-kuntratt tas-sena 1902.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx jaf kien ġie l-kliem tal-klawsola 5.

43. Xehed is-sur Joseph Sciberras fis-16 t'April, 2010. Dan ikkonferma li s-Sur Camilleri kien xtara l-art minn għandhom. L-aċċess għall-għalqa kien indikah l-imputat bħala dak immarkat AB (page 176). Il-pożizzjoni tal-passaġġ kienet indikata meta saret id-denunzja ta' missieru. Kienu qed isiru negozjati għall-bejgħ tal-art kemm mas-sur Camilleri kif ukoll mal-imputat. Huwa kien ġabar il-kuntratt ħafna qabel il-kuntratt tas-sena 2003.

44. Fil-31 ta' Mejju 2010 xhed l-imputat. Huwa qal li qabel għalaq iċ-ċens kien avviċinah is-sur Joseph Sciberras. Biss l-art kien ħadha s-sur Camilleri. Biex imur l-għalqa hu kien jgħaddi minn fejn ifettillu għaliex l-għalqa kienet imdawra b'għelieqi tal-familja. L-aċċess għall-għalqa X kellu jkun dak immarkat XY –passaġġ tar-riġel. (ara dħul ħdejn l-ittra C fid-dokument GC 5). Dan il-passaġġ għadu hemm. Il-passaġġ XY – li huwa wiesa tliet piedi - kien jużah biex joħroġ ix-xogħol minnu. Huwa qatt ma ra lis-sur Camilleri jgħaddi mill-mogħdija XY. Ma jiftakarx li kien hemm xi mogħdija minn punt B. Kull meta ra lis-sur Camilleri għaddej mill-punti A u B huwa dejjem ħadu bil-kelma t-tajba. Huwa nnega li ddistruġġa xi mogħdija u qatt ma żamm lil xi ħadd bil-forza.

45. A fol 19 u 95 et seq tal-proċess jidher il-kontro-eżami li sar lis-Sur Frans Sant. Dan ikkonferma li kien hemm żmien meta huwa u l-parte civile kienu qegħdin jinnegozjaw biex huwa jixtri l-porzjoni immarkat X iżda n-negozju ma seħħx. Darba kien daħal Giovann Camilleri mill-punt A u huwa kien qallu 'id-dħul tiegħek mhux minn hawn.' Ix-xhud qal li kien hu li għamel il-katina bis-sinjal 'No entry.'.Biss ma ftakarx jekk il-katina kinitx saret f'Ottubru 2008. ix-xhud ċaħad ukoll li fil-punt D kien għamel filliera ta' knaten wara xulxin. Barra minn hekk meta t-tifla ta' Givoanna Camilleri u r-raġel tagħha kienu daħlu bil-karozza mill-punt A huwa kien għamel rapport fl-għassa. Meta Givoann Camilleri għadda mill-punt B huwa kien speċifikalu li l-passaġġ tiegħu ma kienx mill-punt B Dwar il-kantina antika huwa qal li din mhxu hu kien għamilha. Huwa qabel li s-sur Camilleri kellu aċċess ta' tliet piedi minn punt C. Lis-sur Joseph Sciberras huwa kien indikalu l-aċċess kien mill-punt C. Huwa kien ilu hemm 'il fuq minn tletin sena u qatt ma ftakar li kien hemm passaġġ minn punt B.

46. Huwa nsista wkoll li qabel inbnew il-bungalows ma kienx hemm sqaq li kien jagħti għal għelieqi tal-parte ċicili. L-aċċess għall-għelieqi tal-parte civili u r-razzett R kein minn ABCD wara li nbnew il-bungalows għax il-mogħdijiet kien iffurmahom hu fis-sena 1985. Huwa qal li qatt ma qiegħed oltre l-punt D fid-direzzjoni ta' Camilleri. Kull darba li ra lis-sur Camilleri dieħed mill-punt A huwa ġibidlu l-attenzjoni li ma kellux dritt jidħol minn hemm. Huwa nnega li kien tella' l-katina tal-ġebel f'punt B u nnega li huwa qatt tella' ħitan fid-direzzjoni B sal-proprjeta' tal-parte civile. Huwa kein qal lis-sur Sciberra li l-aċċess kien minn punt B iżda ċaħad li minn punt B qatt kien hemm xi passaġġ. Ċaħad ukoll i kien laqa' lil Camilleri bil-herra jew li żammhom bil-forza.

47. Pauline Sant xehdet u esibit pjanta li turi fejn qegħda l-proprjeta' tagħhom. Sakemm kienu qed jaħdmu l-porzjon X qatt ħadd ma talabom biex jgħaddi minn fuq il-porzjonijiet 8A, 11, 9 u 10 għal fuq il-porzjon X. Is-sur Camilleri għadda minn Punt darbtejn u darba kien gaħdda mill-punt A. Lit-tifla tas-sur Camilleri kienet waqqfitha u qaltilha li mhux suppost kienu qed jgħaddu minn hemm għax dik mhux triqithom. Meta reġgħet kompliet tixhed hija ippreżentat il-kuntratt DokPSX1 u kompliet tispjega l-provenjenza tal-art.

**Punt Legali**

48. L-artikolu 85 tal-Kap 9 jgħid hekk:

''Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-wtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesgwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu , jew iħott bini, jew jikser il-mxii tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġuenrija minn xahar sa tliet xhur:

Iżda l-qorti tista’ fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.’

49. Skont is-sentenza ‘Il-Pulizija versus Mario Bezzina tas-26 ta’ Mejju 2004’ deċiża mill-Imħallef Dr.David Scicluna, l-elementi ta’ dan ir-reat huma:

‘1) att estem ii jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta’ dan il-ħadd ieħor;

(2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b’eżerċizzju ta’ dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel ‘di private braccio’ dak li jmissu jsir per mezz ta’ l-awtorita’ pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d’Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749,

‘la persuasione di fare da se’ cio’ che dovrebbe farsi reclamando l’opera del Magistrato’); u

(4) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi,

Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta’ Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta’ Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta’ Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, joħroġ mill-istess definizzjoni tar-reat in diżamina - li l-istess att

materjali jista’ jagħti lok għar-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew għal reat ieħor (ħsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika”. (Appell Kriminali ‘ Il-Pulizija versus Mario Lungaro tal-15 ta’ Novembru 1996).

50. F'dan il-punt il-Qorti trid teżamina x'inhuma l-fatti li bihom kien akkużat l-appellant u x'ġie ppruvat fil-konfront tiegħu.

51. Iċ-ċitazzjoni titkellm 'f'dawn l-aħħar xhur'. L-affidavit jidher li kien ikkonfermat bil-ġurament fid-9 ta' Settembru 2008. Il-Pulizija kienu rċevew ittra biex temporanjament jitwaqqfu l-proċeduri fis-27 t'Ottubru 2008. Iċ-ċitazzjoni turi d-data bit-timbru 1 t'Ottubru 2008. Dawn id-dati jindikaw li r-referenza għaż-żmien fiċ-ċitazzjoni tista' tkun għal madwar sitt xhur qabel jew ftit aktar – bejn April 2008 u forsi Frar 2008.

52. Għalhekk il-Qorti ma tistax tikkonsidra dak li qalet Melanie Zerafa għax din semmiet inċident li seħħ **f'Mejju 2007**. Dan ma jaqax fil-perimetri taż-żmien indikat.

53. Lanqas ma tista' tqis dak li xehed Carlos Zerafa li waqt ix-xhieda tiegħu rrefera għall-istess inċident u li lanqas biss ftakar iż-żmien ta' meta seħħ.

54. Barra milli ż-żmien indikat jaqa' barra mill-parametri taċ-ċitazzjoni jew lanqas biss jissemma, l-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda ma semmew xi waħda mill-azzjonijiet ta' raġion fattasi li bihom l-appellant huwa imputat. Għalhekk il-Qorti ma tistax tagħmel tagħha l-konklużjoni (e) a fol 58 tal-Perit Tekniku.

55. Kien hemm xhieda oħra min-naħa tal-Prosekuzzjoni. Primarjament, fil-proċess hemm ix-xhieda li ta' Giovann Camilleri. Dan xehed li l-appellant kien għamel katina fil-punt A f'Dok GC 5. Huwa qal ukoll li l-appellant ma kienx iħallih jidħol la minn punt A u lanqas minn punt B u li l-appellant kien tefa' kantun fuq l-arja D.

56. Il-Qorti tinnota li fix-xhieda tiegħu s-sur Giovann Camilleri ma jsemmix dati jew imqar indikazzjoni tas-sena ta' meta' twaqqaf jew ta' meta saret il-katina.

57. Iżda barra minn dan il-fatti li jixhed dwarhom Giovann Camilleri ma jirriflettux dak li hemm fiċ-ċitazzjoni. Dawn huma: li l-appellant (i) iddustruġġa mogħdija li fuqha l-kwerelant ingħata dritt ta' passaġġ; (b) ħoloq ostakolu fi sqaq ieħor billi qala' parti minnu. Kien b'dawn ir-reati li kien imħarrek l-appellant .

58. Min-naħa tiegħu l-imputat xehed li huwa qatt ma ddisruġġa xi mogħdija. Huwa żied jgħid li qatt ma żamm lil xi ħadd bil-forza. Fil-kontro-eżami l-appellant ammetta li kien huwa li għamel il-katina bin-No Entry sign bejn il-binjiet f'punt A (fol 95). F'dan il-punt, għall-ewwel darba ssemmiet data meta l-Avukat Keith Borg staqsa lill-appellant :

'jekk il-katina saritx hemm minn Ottubru tas-sena 2008'

Għal din il-mistoqsija, l-appellant wieġeb li ma jiftakarx. Lanqas din ir-referenza ma tgħin wisq għaliex iċ-ċitazzjoni tgħid biss 'f'dawn l-aħħar xhur' mingħajr ma ssemmi xi data minn fejn għandhom jingħaddu dawn ix-xhur. Filfatt kellu jsir eżerċizzju mid-data tat-timbru biex ikun stabbilit xi forma ta' żmien li huwa indikat fiċ-ċitazzjoni. Jekk jitqies kollox, jidher dak li seħħ kien qabel Ottubru 2008 u mhux minn Ottubru 2008. Barra minn dan, l-appellant ma kellu ebda imputazzjoni li waħħal katina fil-post u għalhekk, ukoll jekk it-twaħħil tal-katina kien fil-parametri taż-żmien, xorta jibqa' l-problema li fix-xhieda saret referenza għal xi att li mhux koprit fiċ-ċitazzjoni.

59. Mill-kontro-eżami tal-appellant a fol 96 jirriżulta hekk:

'Ngħid illi fl-għalqa hemm borġ ġebel antik. Ma jidhirlix li fil-punt D hemm xi borg ġebel imma hemm xagħri. Ngħid li fil-punt D hemm speċi ta' sies.

Niċħad illi f'dak il-punt għamilt filliera ta' knaten wara xulxin. Jiena m'għamiltx knaten imkien.'

60. Jekk il-Qorti ma ssibx din ix-xhieda għal kollox attendibbli , xorta ma jirriżultax li l-appellant ddistruġġa xi mogħdija jew qali parti minn sqaq kif hemm fl-imputazzjoni. Oltre dan minn imkien ma jirrżulta meta sar dan l-att.

61. Dan kollu kien ikkonfermat mill-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti li fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali qal li fil-konklużjonijiet tiegħu mkien ma hemm imniżżel li nqerdu xi passaġġi jew inqalgħet xi art.

62. Din il-Qorti għandha kompetenza li tiddeċiedi kawżi kriminali biss u għalhekk bl-ebda mod ma qed tidħol fil-mertu ta' natura ċivili dwar min għandu dritt għall-passaġġ u minn fejn. Is-sentenza hija limitata biss għal jekk l-appellant hux ħati tal-artikolu 85(1) tal-Kap 9 minħabba l-fatti dedotti kontra tiegħu.

63. Minħabba r-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi t'hawn fuq, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-ewwel element tal-artikolu 85 tal-Kap 9. Isegwi għalhekk li l-appellant ma jistax jinstab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

**Konklużjoni**

64. Il-Qorti qed tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-22 ta' Novembru 2012 fejn l-appellant kien instab ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kien ikkundannat iħallas multa ta' ħames mitt Ewro (500 Ewro) u minflok qed tirriforma s-sentenza billi tilliberah minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------